- *ritrattazzjoni abbażi tal-Art 811(b) Kap 12*
- *proceduri ta'notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni jridu jiġu segwiti* ad unguem

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 716/2014 GM**

**Wara sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Ġunju 2014 fil-kawza fl-ismijiet**

**Rikors Ġuramentat 1149/2013**

**Carmenu Debono ID 24155M**

**Vs**

**Anton Grech ID 205276M**

**Seduta tat-2 t'April, 2019.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Anton Grech ID 205276M fejn espona bir-rispett u bil-ġurament:

1. illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-isijiet premessi il-Qorti iddeċidiet hekk:

DECIDE:

9.0 Illi għaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti:

9.1. tiddikjara li l-bitħa in dizamina fuq riferita hi proprjeta tar-rikorrenti Carmenu Debono;

9.2. Tordna lill-intimat Anton Grech biex fi zmien xahrejn millum jagħmel ix-xogħol meħtieġ biex ineħħi l-access li jagħti għall-bitħa imemmija minn naħa tal-garaxx proprjeta' tiegħu;

9.3. Tordna li dan ix-xogħol għandu jsir taħt is-sorvejanza tal-perit inkarigu għal dan il-għan, u dan a spejjes tal-intimat;

9.4. illi fin-nuqqas tas-suespost, tawtorizza lir-rikorrenti fuq gia' indikat biex jaffetwa ix-xogħolijiet necessarji taħt is-sorveljanza tal-istess perit arkitett fuq riferita, u dan, a spejjez ukoll tal-intimat kif gia wkoll riferit;

9.5. bl-ispejjez ta' din il-proċedura kontra l-intimat Anton Grech,

2. illi f'din is-sentenza il-Qorti ikkunsidrat:

7. illi in vista tal-kontumaċja tal-intimat u tal-fatt li l-istess intimat naqas jipprezenta sottomissjonijiet fir-rigward fit-terminu lilu koncess, din il-Qorti m'għandha l-ebda alternattiva ħlief li takkolji l-versjoni tar-rikorrenti bħala verosimili u allura, tissodisfa l-precett rikjest mil-liġi biex tiġi meqjusa affidabbli fid-dettanu rikjest;

8. illi għalhekk, in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ipprova l-kaz tiegħu skond il-liġi;

3. u dan wara li fil-paragrafu 2 tal-istess sentenza il-Qorti qalet hekk:

2. Tirrileva li l-intimat ġie debitament notifikat bl-affissjoni u pubblikazzjoni, (ara fol 27 u 31), u stante t-trapass inutili taz-zmien għar-risposta, qiegħed fi stat ta' kontumacja (ara fol 34),

4. Illi effettivament l-esponenti ma ġiex vaidament notifikat bl-atti tal-kawza u inoltre hemm zball ta fatt li jirrizulta mill-atti tal-kawza billi:

1. Huwa jgħix fi-fond 158, Ta Xbiex Sea Front, Ta Xbiex meta l-atti tal-kawza qed jindikaw l-indirizz tiegħu fi-fond 153 ta Xbiex Seafront Gzira.
2. Fil-fond 158 ma saret l-ebda affissjoni tal-atti tal-kawza de quo.
3. Huwa ma ġie mgħarraf minn ħadd li kien hemm kawza pendenti u sar jaf biss wara li ittra li inkitbet mil-Perit Musumeci tal-5 t'Awissu 2014 li kienet indirizzata fil-fond 153 ta' Xbiex Seafront, Gzira ingħatat lil ommu Doris Grech (li jgħix magħha) fid-dar ta' residenza tagħhom numru 158 ta' Xbiex Seafront, Ta Xbiex u dana wara li ġurnata qabel l-istess pustier ħalla avviz fil-fond 158 li kien ġie u ma sab lil ħadd u li ser jerġa jiġi l-għada.
4. Illi apparti dan, minn ezami tal-atti tal-kawza jirrizulta li għalkemm fis-seduta tat-13 ta' Frar 2014 kien hemm talba li in-notifika isir permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni, ma ingħata ebda digriet li n-notifika isir b'dan il-mod.
5. Illi ma kien hemm ebda atti tal-Qorti imwahhlin mal-bieb tad-dar ta residenza tal-esponenti numru 158 Ta Xbiex Seafront u ma jirrizultax

mill-atti tal-kawza li sart notifika f'gazzetti lokali kif inhu dispost li għandu jsir fl-Art 187(3) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi għalhekk hemm lok għar-ritrattazjoni tal- kawza kemm a tenur tal-Art 811 (b) billi l- esponenti ma ġiex notifikat bir- rikors ġuramentat u l- avviz tas- smigħ kif wkoll a tenur tas- sub artikolu (1) billi l- Qorti in Prim Istanza qieset lil- esponenti bħal li kieku notifikat bil-proċedura tal- affissjoni meta fil- fatt ma kien hemm ebda digriet i awtorizza li in- notifika ssir b' dan l- mod u apparti dan l- proċedura stipulata fil- liġi ma ġietx segwita.

7. Għaldaqstant l- esponenti jitlob bir- rispett li din l- Onorabbili Qorti

1. Tiddikjara li l-esponenti ma ġiex validament notifikat bir- rikors ġuramentat u bl-avviz tas- smigħ tal- kawza "Rik 1149/13 Carmenu Debono vs Anton Grech" u kif wkoll hemm zball ta fatt li jirrizulta mil-atti tal- imsemmija kawza a konsegwentement a tenur tal art 811 (b) u/jew l- art 811 (1).
2. Tħassar s- sentenza mogħtija fl- 24 ta Ġunju 2014 fil- kawza fl- ismejiet premessi u tordna li issir ir- ritrattazjoni tal- kawza fl-ismijiet premessi taħt dawk l- provvedimenti xierqa u opportuni.

Bl- ispejjes kontra l- intimat li ġie inġunt għas- subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Carmelo Debono (Karta ta' l- Identita 24155M) fejn eċepixxa bir- rispett:

1. Illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda peress li fid- dritt ma jeżistux raġunjiet kif kontemplati fl- art 811 sabiex tirnexxi azzjoni ta' ritrattazzjoni u fil- fatt in-notifiki saru b' mod korrett kif ser jirriżulta.
2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl- ispejjez.

Semgħet ix- xhieda bil- ġurament.

Rat id- dokumenti kollha esebiti, l- atti kollha tal- kaz.

Semgħet it- trattazzjoni tal- partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' ritrattazzjoni abbażi ta' nuqqas ta' notifika tal-konvenut. In-nuqqas ta' notifika ssarraf f'nuqqas ta' smiegħ xieraq tant li l-liġi tenumeraha fost l-istanzi, tassattivament enumerati, li b'mod eċċezzjonali jservu biex jinfiċjaw sentenza li tkun intokkabbli għaliex tkun għaddiet in ġudikat – prinċipju mhux daqstant ġuridiku daqskemm tal-esiġenza politika u ta' bon ordni li l-kwistjonijiet fis-soċjeta`jinqatgħu darb'għal dejjem b'sentenzi mhux appellabbli interminabilment f'ġieħ iċ-ċertezza tal-prorjeta` u tal-obbligazzjonijiet.

Illi għalhekk ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni

pubbliku u bħala tali għandhom jigu osservati *ad unguem*[1]. B'mod partikolari, l-proċedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali, mertu ta' din il-kawża, hija proċedura straordinarja u għandha ssir b'kawtela kbira għaliex jekk ma ssirx kif suppost tkun qegħda timpingi fuq id-dritt ta' *fair hearing*. Tajjeb li jigi hawn osservat illi ġaladarba l-Qorti taderixxi mat-talba konduċenti għan-notifika tal-att bl-affissjoni, imbagħad, ikun jinħtieġ li l-formalita` sħiħa tad-dispost tal-ligi msemmi tigi segwita u eżegwita *di rigore*[2]. Il-proċedura ta' notifika permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni għandha tigi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha. Jekk tali proċedura ma tigix segwita t-talba għar-ritrattazzjoni għandha tigi milqugħa.[3]

Illi din it-tip partikolari ta' notifika hija regolata mill-**Artklu 187 (3)** tal-Kap 12 li jaqra hekk: "Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-

[1] (ara Qorti ta' I-Appell 14.06.2001, Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat).
[2] Fis-sentenza fl-ismijiet Francis sive Frank Fenech vs Raymond Mallia noe, (PA 28/4/2003 (PS) il-Qorti irriteniet illi: '
[3] Emanuel Magri v Joseph Vancell 15.04.2002 Prim'Awla (Imħ. J.R. Micallef)

qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil";

Illi d-disposizzjoni msemmija tibda biex telenka **<u>f'liema ċirkostanzi l-qorti tista' tordna li tista' ssir in-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni</u>**:

Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab lil-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att:

(i) ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta

**<u>u</u>**

(ii) d-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir,

**<u>jew</u>**

(iii) il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf. Fil-waqt li l-proċedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni għandha l-importanza tagħha, min jistitwixxi proċeduri legali għandu jagħmel tentattiv serju biex isir jaf fejn joqgħod l-imharrek u ma jirrikorrix għall-proċedura imsemmija jekk mhux meta assolutament mehtiega. L-imharrek għandu dritt jigi notifikat biex jiddefendi

ruhu u l-proċedura tan-notifika skond l-artiklu 187 (3) ma għandhiex tigi abbuzata, anke jekk ma jidhirx li dan sar f'din il-kawza.[4]

Min-naħa l-oħra, għalkemm hu desiderabbli li qabel ma tintuza din il-proċedura jsir tentattiv ta' notifika wara l- hinijiet legali, pero`, il-liġi ma tesiġix dan, u għalhekk in-nuqqas li jsir hekk, ma jwassalx għan-nullita` tan-notifika. [5]

Imbagħad l-istess liġi timponi tassattivament minimu ta' ħames elementi li jridu jikkonkorru kollha kemm huma biex notifika bħal din tkun valida:

(i) billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, **u**
(ii) billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta **u**[6] f'ġurnal ta' kuljum **wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi**. Mhux bizzejjed li ssir biss il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern biss u notifika li ssir b`dan il-mod ma tkunx valida.[7]

Fejn qabel kellek l-għazla bil-fatt tal-preposizzjoni "jew" illum l-użu tal-konġuntiv "u" elimina l-alternattiva u rrenda tassattiv kemm it-twaħħil tal-att fil-post indikat kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' estratt ta' l-att;

Jekk qabel l-uzu tal-kelma "jew" kellha effett diżġuntiv fis-sens li minnha seta' jitnissel li l-leġislatur kien qiegħed jipprospetta formalitajiet distinti,

---

[4] Charles Grech v Domestica Ltd 04.10.2004 Prim'Awla (Onor. Joseph Azzopardi, illum Prim Imħallef)
[5] Francis Bergedahi v Francis Formosa 06.05.2011 Qorti tal-Appell (STO Silvio Camilleri, Albert J Magri, Tonio Mallia
[6] qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV.1995, din il-prepożizzjoni kienet "jew" minflok "u".
[7] Maltacom plc v Carmel Muscat 14.06.2001 (Imħallef Carmel Agius)

fil-qagħda prezenti l-leġislatur ried li biex in-notifika bl-affissjoni tista' titqies valida din għandha tirrivesti l-formalita` sħiħa u kompleta tagħha;[8]

**u**,

(iii) meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura **mal-bieb ta' dik ir- residenza. Huwa** wkoll mehtieġ *ad validitatem*, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal- bieb ta' dik ir-residenza.[9]

Il-liġi tesiġi li titwaħħal kopja tal-att u xejn iżjed: "Il-konvenut jgħid li hu, f'kull kaz, ma sab ebda att imwahhal mal-bieb tar-residenza tiegħu. Din il-Qorti ma tarax li din il-affermazzjoni, anke jekk emnuta, twassal għal helsien tal-konvenut mill-istat tal-kontumacja. L- Artikolu 187(3) irid biss il-pubblikazzjoni f'gurnal u fil- Gazzetta tal-Gvern, u li "titwahhal" kopja mal-bieb; la trid li dak li jkun ikun qara l-gurnal, u lanqas li jinduna bl-att mal-bieb tiegħu. Il-liġi timponi kriterji oġġettivi u darba jirrizulta li dak li trid il-liġi twettaq, il-konvenut f'kawza għandu jitqies notifikat għal kull fini u effetti tal-liġi. Ma jkunx logiku li l-konvenut jithalla jehles min-notifika billi jgħid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tiegħu; kieku dan jigi accettat, jigi stultifikat l-iskop tal-liġi. Il-liġi trid tagħti l- pubblicita` l-aktar ampja possibbli għall-avviz ta' kawza, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, trid timponi test oġġettiv għax altrimenti dak li jkun ikun jista' dejjem isib mezz kif jahrab min-notifiki. Kieku l-liġi riedet prova li l-att imwahhal mal- bieb

---

8 Francis Fenech v Raymond Mallia 28.04.2003 Prim'Awla (Onor. Imħ. Philip Sciberras); Mario Tonna v Holland u Hallett Limited 27.06.2003 Prim'awla (Onor. Imħ. Philip Sciberras)

9 Mario Tonna v Holland u Hallett Limited 27.06.2003 Prim'Awla (Imħ. Philip Sciberras)

jinqara mill-persuna li gie notifikat, mhux biss dan kienet tgħidu, izda wkoll ma kenitx tinsisti fuq pubblikazzjoni tal-att, għax la darba l-att jingabar, in-notifika tkun saret! Id-diversi mezzi ta' pubblicita` li tipprovdi l-liġi ġew magħmula biex jindikaw, *iuris et de iure*, notifika personali u darba dak li trid il-liġi gie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax tahrab mill-effetti tal- istess.

"Kieku l-Qorti kellha tadotta test soġġettiv, dan mhux biss jagħti lok għal abbuz, izda jigi imminat l-effett ta' *res iudicata*, peress li jinfethu wkoll il-bibien għar-ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12, b'mod li sa hames snin wara s-sentenza, dak li jkun jista' jattakka d- decizjoni billi jgħid li ma kienx gie notifikat – għax ma sabx l-affissjoni mal-bieb!

"Kif gia` ingħad, jekk nesigu li dak li jkun ikun effettivament induna bl-affissjoni, allura ma jkunx hemm lok la għall-pubblikazzjoni u lanqas għall-affissjoni mal-Għassa u l- Kunsill Lokali, għax dawn ikunu inutili – għax il-Qorti trid tkun ċerta li l-konvenut qara l-kopja imwaħħla mal-bieb tiegħu. Il-liġi, pero`, ma titlobx dan: hi tipprovdi għall-pubbliċita` l-aktar wiesgħa possibbli, izda ma tesiġix li dak li jkun induna bl-att ippubbliċizzat. Jekk se nesigu qari tal-att, allura n-notifika tkun trid issir dejjem bil-purtier u personali, u ma jkun hemm qatt skop ta' notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni. Dan jikkonferma l-oġġettivita` tal-proċedura.

"Wiehed irid ifakkar ukoll li l-gurament tal-konvenut, f'dan il-kaz, mhux kontrollabbli u hu differenti minn gurament dwar meritu li huwa kontrollabbli mill-parti l-ohra li jista' jressaq provi kuntrarji. F'dan il-kaz jekk il-konvenut jgħid li ma sabx l-att mal-bieb, m'hemmx x'tagħmel, la mill-parti l- ohra u lanqas mill-Qorti, għax ma tistax tikkontradixxi dik l-

istqarrija. Huwa minħabba l-impossibbilita` ta' kontradizzjoni li l-liġi timponi test oġġettiv: jekk ġew esegwiti l-proċeduri li trid il-liġi, allura n-notifika saret"[10]

(iv) Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il- persuna li lilha għandhom ikunu notifikati

(v) U tistipula żmien minimu li għandu jgħaddi wara li ssir il-pubblikazzjoni u affisjoni:

(v.1) F'dawk il-każijiet in- notifika għandha titqies li tkun saret **fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard**

(v.2) F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir **b'urġenza**, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil.

Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi.[11]

Ikkunsidrat:

---

[10] Francis Bergadahi v Francis Formosa 06.05.2011 Qorti tal-Appell (STO Silvio Camilleri, Albert Magri, Tonio Mallia)

[11] ara, għalkemm ma ssemmix il-ħames element, Three Barrels Ltd v Joan Schembri 13.07.2001 Qorti tal-Appell (STO Joseph Said Pullicino, Carmel A. Agius, Joseph D Camilleri)

Illi minn qari tal-proċess tal-kawża impunjanda, jirriżulta mir-riferta tal-marixxal tas-17.12.2010 li pprova jinnotifika lill-konvenut fl-indirizz 153, Ta' Xbiex Seafront, Gżira iżda "ma fetaħ ħadd". Imbagħad f'riferta tat-30.01.14 "ma sabx l-indirizz". Jirriżulta mill-verbal l-udjenza tat-13 ta' Frar 2014 [12], l-avukat tal-attur Dr. Edward Gatt talab "li jkun awtorizzat jinnotifika lill-intimat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni" u "Kawża differita għall-14 t'April 2014 fid-9.00 a.m. għan-notifika". Ma hemm l-ebda awtorizzazzjoni espliċita mill-Qorti biex issir il-proċedura a tenur tal-Artiklu 187(3) jew xi direzzjoni dwar kif din għandha ssir. Hemm riferta oħra tat-21.03.2014 fl-istess indirizz "ma fetaħ ħadd"[13]. A fol 27 hemm tlett riferti tal-02.04.2014 imnejn jirriżulta li saret affissjoni fl-indirizz tal-konvenut fuq imsemmi, fl-Għassa tal-Pulizija tal-Gzira, u fil-Kunsill Lokali tal-Gżira. A fol 31 u 32 hemm esibit estratt mil-Gazzetta tal-Gvern tal-01.04.2014 awtentikata mill-Assistant Reġistratur tal-Qorti bil-pubblikazzjoni tar-Rikors Ġuramentat. Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2014[14] hemm ivverbalizzat li "Il-Qorti tirrileva illi l-intimat ġie debitament notifikat bl-affissjoni u pubblikazzjoni kif jidher a fol 27 u 31 tal-proċess. Illi għalhekk in vista tal-fatt li mid-dati indikati l-intimat ma intavola l-ebda risposta llum jinsab fi stat ta' kontumaċja… il-kawża ġiet differita għall-24 ta' Ġunju 2014 għas-sentenza bil-fakolta` tal-intimat biex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu sa mhux iktar tard mis-16 ta' Ġun ju 2014".

## E. KONKLUZJONIJIET:

[12] fol 15 tar-Rik. Gur. 1149/2013
[13] in-naħa ta' wara ta' fol 20 tal-proċess tar-Rik. Gur. 1149/2013
[14] fol 34 tar-Rik. Gur. 1149/2013

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' Carmelo Debono li Anton Grech ġie notifikat kif suppost skont il-liġi;

(1) tilqa' l-ewwel talba u thassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta' l-24 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet Carmenu Debono vs Anton Grech, kif ukoll kull att relattiv u sussegwenti għaliha, u dana a tenur tal-artiklu 811(b) tal-Kap. 12; u

(ii) tordna s-smiegħ mill-ġdid ta' l-istess kawza imsemmija .

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali .

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca